# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**
**ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001.**

**Numru 8**

**Rikors numru 704/86 AJM**

**Raymond Gauci**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti;**

Din hija sentenza fuq appell maghmul mill-attur Raymond Gauci kontra sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Frar 1997 fil-kawza fl-ismijiet premessi, liema sentenza taqra kif gej :-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentata fit-28 ta' Awissu 1986 li permezz tieghu wara li gie sottomess illi r-rikorrent importa f'Malta diversi oggetti kif jidhru fil-lista annessa ma' dan ir-rikors Dok A ; illi fl-1 ta' April 1986 dawn l-affarijiet waslu f'Malta permezz tal-bastiment M.V. Kusi ; illi b'nota ta' qbid datata 1 ta' Lulju 1986 hu gie nfurmat illi l-oggetti imessija fil-lista mehmuza, peress li gew deskritti falz fir-rapport tal-cargo, gew maqbuda skond l-artikolu 6 (V) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 60 tal-Edizjoni Riveduta ; illi hu ta

avviz bil-miktub li huwa ghandu hsieb jirreklama l-oggetti maqbuda ; illi kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat mhux veru li dawn gew deskritti falsiment fir-rapport tal-cargo u ghal dan il-fini l-esponent qieghed jannetti r-registrazzjoni tad-dikjarazzjoni li saret f'Dover, il-pajjiz tal-konsenja, ghal Malta, il-pajjiz tad-destinazzjoni, permezz tal-Ang Freight Services (Dover) Limited ta' Export Compound, Eastern Docks, Dover ; illi ghalhekk l-allegazzjonijiet kontenuti mill-kontrollur intimat fejn ta taghrif qasir ghaliex sar il-qbid u cioe' ghaliex l-oggetti msemmija gew deskritti falz fir-rapport tal-cargo huma manifestament skorrett ; talab li r-reklam tieghu biex l-oggetti maqbuda jigu rilaxxati ghar-ragunijiet fuq esposti jigi akkolt u l-oggetti in kwistjoni jigu lilu konsenjati skond il-ligi.

Rat id-dokumenti ezebiti mir-rikorrent.

Rat ir-risposta tal-intimat fejn gie rilevat li hu gie notifikat bir-rikors fl-ismijiet premessi fl-24 ta' Settembru 1986 u ssottometta :-

1. In-nullita' tar-rikors peress illi ma giex regolarment precedut minn avviz li jissodisfa t-termini rikjesti skond il-provvediment tal-Artikolu 69 (2) tal-Kap 60 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi fil-meritu li l-oggetti maqbuda gew falsament dikjarati fir-rapport tal-cargo billi fil-van kien hemm diversi affarijiet li ma gewx indikati u b'hekk gew impurtati llegalment.

3. Illi infatti fit-2 ta' April 1986 il-van in kwistjoni gie miftuh fil-presenza ta' Raymond Gauci w kuntrarjament ghal dak dikjarat instabu diversi oggetti fosthom video recorders, telephones, televesions u gambling machines.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Marzu 1993 li permezz tieghu l-Qorti ordnat li jigi anness il-process "Il-Pulizija vs Raymond Gauci" deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali sede inferjuri fid-9 ta' Marzu 1992.

Rat id-diversi differimenti ghas-sentenza li ma nghatatx fuq talba ta' parti jew ta' ohra biex ikollhom il-possibbilita' li jipprezentaw noti ta' osservazzjonijiet. Rat in-nota tal-intimat u osservat li r-rikorrent, ghalkemm inghata opportunita' ohra li jipprezenta l-imsemmija nota ta' osservazzjonijiet rega' naqas li jaghmel dan.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Itrattat il-kawza.

Ikkunsidrat :-

Illi fl-1 ta' April 1986 fil-presenza tar-rikorernt u wara li gie registrat li r-rikorrent kien ghamel dikjarazzjoni falza fir-rapport tal-cargo dwar merkanzija minnu importata Malta permezz tal-bastiment M.V. Kusi, gew maqbuda mill-pussess tal-istess rikorrent u konfiskati l-effetti mobbili elenkati fil-lista Dok A annessa mar-rikors promotur a termini tal-artikolu 6 (5) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 60 (illum Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi r-rikorrent istitwixxa din il-procedura permezz ta' rikors prezentat fit-28 ta' Awissu 1986 fejn talab li l-oggetti hekk maqbuda jigu rilaxxjati u jergghu jinghataw lilu billi r-raguni tal-konfiska kienet inveritjera.

Illi l-ewwel ostakolu li jrid jigi sorvolat huwa dak ta' natura procedurali sollevat fl-ewwel eccezzjoni tal-intimat fejn qed jinghad li dawn il-proceduri huma nulli inkwantu r-rikors promotur ma giex regolarment precedut minn avviz li jissodisfa t-terminu rikjest skond il-provvedimenti tal-artikolu 69 (2) tal-Kap 60 (illum l-art. 72 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-subinciz (2) tal-Artikolu 37 jippreskrivi li l-hwejjeg maqbuda taht din l-Ordinanza jitqiesu kkonfiskati bis-sahha tal-ligi stess u jistghu jinbieghu jew jista' jsir bihom xort'ohra, kif jordna il-Ministru responsabbli ghad-Dwana, **kemm-il darba dak li minghandu l-haga tkun giet maqbuda, jew sidha, jew xi hadd awtorizzat minnu, fi zmien tletin gurnata mill-qbid, ma jaghtix avviz bil-miktub lill-Kontrollur, li hu jitlob lura l-hwejjeg hekk maqbuda jew li bi hsiebu jitlobhom lura.** L-istess subartikolu imbaghad ikompli jghid dwar l-obbligu tal-persuna nteressata li tipprocedi quddiem il-Qorti Civili kompetenti fi zmien tletin gurnata mill-avviz fuq imsemmi.

Il-qbid jista' jsir sew fil-presenza tal-persuna interessata jew mhux fil-presenza ta' dik il-persuna. Kemm-il darba l-qbid isir mhux fil-presenza tal-persuna involuta, l-ufficjal li jaghmel il-qbid li hu obbligat li jaghti avviz bil-miktub lil dik il-persuna fejn jinfurmah bil-qbid u r-raguni ta' l-istess. Tali avviz mhux mehtieg meta l-qbid isir fil-presenza tal-persuna interessata.

Illi naturalment it-termini msemmija fis-subartikolu 2 tal-artikolu 72 tal-Kap 37, jibdew jiddekorru mid-data tal-Qbid, meta dan ikun gie effettwat fil-presenza tal-persuna interessata, u mid-data tan-notifika "skond il-ligi" tal-avviz mahrug mill-ufficjal li jkun ezegwixxa l-qbid.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-qbid sar fil-presenza tar-rikorrent billi fid-dikjarazzjoni tieghu li ghamel fit-3 ta' April 1986 qal hekk : "Il-bierah jiena kont presenti fil-bitha tas-C.I.D. waqt li l-ufficjali tal-Pulizija, ufficjali tad-Dwana u espert tal-Qorti kienu qed jiccekkjaw il-Van Ford Transit li jgib in-numru YVX 832X ta' kulur blu kif ukoll it-tghabija li kien fih."

Illi mis-Seizure Note rilaxxata mill-Kontrollur tad-Dwana John Cavallo numru 29 tan-1986, jirrizulta li l-qbid tal-oggetti elenkati fid-dokument A, anness mar-rikors promotur, gie effettwat fl-1 ta' April 1986.

Carmel Debono l-ufficjal tad-dwana li kien prezenti waqt il-qbid li sar fit-2 ta' April 1986 fid-Depot tal-Pulizija l-Furjana, xehed hekk: "Ghamilna inventarju quddiemu stess (ir-rikorrent). Minghalija kien hemm prezenti wkoll certu persuna, anzi jiena cert li kien hemm is-Sur Camenzuli prezenti li kien nominat bhala Court Expert li beda jiddetta fuq tape l-affarijiet li kienu qed jigu elenkati. Ergghajna dahhalna l-affarijiet li kienu qed jigu elenkati fil-van, **issiggilajnieh**, ghamilt marka fuq ic-comb, ….."

Minn dan kollu ma hemmx dubbju li l-effetti maqbuda gew elevati fil-presenza tar-rikorrenti. Isegwi li dan kellu tletin gurmata zmien mit-tnejn ta' April 1986 biex jibghat l-avviz skond is-subartikolu 2 tal-artikolu 72 tal-Kap 37 fejn jinfurma lill-Kontrollur tad-Dwana li kien qed jitlob l-oggetti lura. Dan it-terminu kien jiskadi fit-2 ta' Mejju 1986. Inoltre fi zmien tletin gurnata minn din id-data kellu jipprezenta l-proceduri appoziti sabiex it-talba tieghu biex jiehu lura l-effetti maqbuda tigi kkonsidrata mill-Qorti.

Ikkunsidrat :-

Illi dawn il-proceduri gew istitwiti fit-28 ta' Awissu 1986 u cioe' ftit anqas minn hames xhur mid-data li l-effetti fuq imsemmija gew maqbuda mill-intimat. Minn dan il-fatt biss jidher li r-rikorrent naqas li jottempra ruhu mad-disposizzjonijiet tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta stante li t-terminu ta' xahrejn impost bl-artikolu 72, li huwa terminu ta' dekadenza, kien skada.

Barra minn hekk ghalkemm fir-rikors promotur jinghad li "l-esponent ta' avviz bil-miktub li huwa ghandu hsieb jirreklama l-oggetti maqbuda" u dana a termini tas-subartikolu 2 tal-artikolu 72 tal-Kap 37, il-Qorti mhux soddisfatta li mill-provi li tressqu dan l-avviz effettivament inghat.

Infatti fir-risposta tal-intimat jinghad espressament li l-intimat qatt ma rcieva dan l-avviz u kien ghalhekk li nghatat l-eccezzjoni sotto ezami. L-istess rikorrent xehed li, immedjatament li nqabdulu l-oggetti, hu mar ghand l-Avukat Demarco u dan qallu li kien importanti li jintbaghat l-avviz imsemmi fi zmien tletin gurnata mill-qbid, izda f'dik l-okkazzjoni ma sar xejn. Meta r-rikorrent rega' mar l-ufficju tal-Avukat Demarco hu gie ntrodott lill-Avukat Said Pullicino (illum l-Onorevoli Imhallef Joseph Said Pullicino, President tal-Qorti) u dan kiteb ittra biex jiehu lura l-oggetti. Din kienet l-unika okkazzjoni li kellem lil Dr. Said Pullicino qabel ma bdew il-proceduri gudizzjarji. L-istess Imhallef Joseph Said Pullicino ma jiftakarx jekk l-ittra intbaghtitx jew le izda qal li la darba hekk jinghad fir-rikors promotur, din intbaghtet.

Ebda kopja ta' l-ittra allegatament mibghuta lill-Kontrollur tad-Dwana ma giet ezebita.

Billi r-rikorrent mar biss darba wahda ghand l-Avukat Said Pullicino, u l-istess avukat kiteb dokument wiehed biss, dan jista' jirreferi biss ghar-rikors promotur u ghal ebda dokument iehor billi l-istess rikors igib il-firma ta' l-Avukat Said Pullicino.

Minn dan jidher li r-rikorrent ukoll naqas li jibghat l-avviz fuq imsemmi. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimat ghandha tigi akkolta w il-proceduri odjerni dikjarati nulli.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, tichad it-talba tar-rikorrent billi l-proceduri minnu istitwiti huma nulli stante li ma jottemprawx ruhhom mal-provvedimenti tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent."

Minn dik is-sentenza appella, kif inghad, l-attur Raymond Gauci, permezz ta' rikors ta' appell prezentat fil-11 ta' Marzu 1997, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellat minnu billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana intimat u appellat u tiddikjara illi r-rikors promotur gie regolarment precedut mill-avviz rikjest mill-artikolu 72 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ghad-decizjoni fil-meritu.

Il-Kontrollur tad-Dwana pprezenta risposta tal-appell fit-18 ta' Marzu 1997 li biha spjega r-ragunijiet tieghu ghala jikkontendi illi l-appell tal-attur ghandu jigi michud bl-ispejjez.

Din il-Qorti sejra essenzjalment tispjega f'hiex jikkonsistu l-aggravji tal-appellant imbaghad taghti r-ragunijiet taghha ghala fil-fehma taghha l-appell jimmerita li jigi respint.

Fl-ewwel lok l-appellant jippremetti s-segwenti fatti :-

A. Illi l-vann li nhatt minn fuq il-vapur u li kien jikkontjeni l-oggetti mertu tal-kaz gie ssiggillat ix-Xatt minn ufficjali tad-Dwana fl-1 ta' April 1986. Dakinhar ir-rikorrent ma kienx prezenti.

B. L-ghada cioe' fit-2 ta' April 1986, il-vann ittiehed minn ufficjali tad-Dwana lejn id-Depot tal-Pulizija fejn infetah fil-presenza tar-rikorrent appellant, l-ufficjali tal-Pulizija li kienu qed jinvesitigaw il-kaz, xi ufficjali tad-Dwana u espert tal-Qorti.

C. Is-seizure note in kwistjoni ggib fuq nett id-data ittajpjata tal-1 ta' April 1986 u isfel nett miktub bil-pinna ezatt fuq il-firma ta' Joseph Cavallo d-data tal-1 ta' Lulju 1986.

Fuq din il-bazi l-appellant jilmenta illi allura l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi l-qbid sar fil-presenza tar-rikorrent zbaljatament. Fil-fehma tieghu hija presunzjoni skorretta illi l-qbid sar fil-presenza tar-rikorrent ‘il ghaliex il-vann fl-1 ta’ April 1986 kien ghadu x-Xatt u r-rikorrent ma kienx ix-Xatt. Kieku l-qbid sar fl-1 ta’ April 1986, allura billi dan ma sarx fil-presenza tar-rikorrent, kien hemm il-bzonn tal-hrug tan-nota ta’ qbid (seizure note) u li din tigi notifikata lir-rikorrent. Fil-fatt in-nota inharget bid-data tal-1 ta’ Lulju 1986 u kwindi t-terminu ghall-prezentata tal-avviz mahsub taht l-artikolu 72 (2) tal-Kap. 37 kien jiskadi fil-31 ta’ Lulju 1986 u dak ghall-prezentata tar-rikors promotorju tal-gudizzju kien jiskadi fit-30 ta’ Awissu 1986. Ir-rikors promotorju effettivament gie prezentat jumejn qabel l-iskadenza ta’ dan l-ahhar terminu.

L-appellant jissottometti wkoll fir-rigward illi l-ewwel Qorti interpretat skorrettement dak li gara fid-Depot tal-Pulizija fit-2 ta’ April kien jammonta ghall-qbid a tenut tal-artikolu 72 tal-Kap. 37 u kwindi applikat it-termini minn dik id-data. L-appellant jissottometti illi biex termini perentorji bdew jiddekorru irid ikun ben car illi l-fatt li jgieghel dawk it-termini jiskattaw ikun lampanti. Fi kliem iehor il-fatti jridu jkunu tali li ma jhallu ebda dubbju dwar dak li jkun gara. Ir-rikorrent fil-kaz odjern gie msejjah id-Depot tal-Pulizija u waqt l-investigazzjoni da parti tal-istess Pulizija ttiehed fil-bitha tas-CID fejn gie muri l-vann tieghu li nfetah u sar elenku tal-kontenut tieghu. Dan ifisser li l-vann infetah taht cirkostanzi

ta' investigazzjoni mill-Pulizija u mhux mid-Dwana u ghalkemm huwa minnu li kien hemm prezenti ufficjali tad-Dwana, r-rikorrent fl-ebda mument ma seta' jkollu hjiel li kien qed javvera ruhu l-qbid tal-oggetti mid-Dwana 'il ghaliex kollox kien qed jigi orkestrat mill-Pulizija fil-Kwartieri taghhom. L-ikbar prova korroboranti ta' dan l-aspett huwa l-fatt li l-istess intimat hass il-htiega li tlett xhur wara, precizament fl-1 ta' Lulju 1986, johrog is-seizure note numru 29/86.

Illi verament ghalkemm prima facie dawn is-sottomissjonijiet u dan it-tip ta' argumentazzjoni jidher illi ghandhom jew li jipprezentaw xi valur, in realta', din il-Qorti ma taqbilx li fis-sustanza dan hu hekk. Qed jigi ghall-mument accettat li fl-1 ta' April 1986 meta gie sigillat il-vann fix-Xatt, l-appellant ma kienx prezenti. Pero' din il-Qorti hija tal-fehma li aktar milli jikkostitwixxi argument favur l-appellant, dan jikkostitwixxi argument kontrieh 'il ghaliex effettivament il-vera qbid sar 'l ghada meta bil-partecipazzjoni attiva tal-Pulizija, li bilfors jidhlu fil-kaz, tar-rapprezentanti tad-Dwana, u fil-presenza ta' l-appellant stess, infetah mill-gdid il-vann, gie vverifikat il-kontenut tieghu dejjem fil-presenza tal-appellant, u kien proprju f'dik l-okkazzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti illi l-appellant li ma kienx prezenti l-gurnata ta' qabel kellu jifhem illi dik l-operazzjoni kollha kienet tammonta ghall-qbid tal-istess vann bil-kontenut tieghu. Il-fatt illi eventwalment saret is-seizure note illi "on the face of it" tidher li tipprezenta kontradizzjoni fis-sens illi apparti d-data tal-1 ta' April 1986, f'parti ohra turi d-data tal-1 ta' Lulju 1986, fil-fehma

ta' din il-Qorti ftit li xejn jista' jbiddel mill-vera xenarju li ghall-fini u effetti tal-ligi jrid jigi inkwadrat, u konsidrat, fl-isfond ta' dak illi hemm previst fis-subinciz (2) tal-artikolu 72 tal-Kap. 37. Infatti fil-fehma ta' din il-Qorti kif sewwa jissottometti l-Kontrollur tad-Dwana fir-risposta tieghu, dak li gara fit-2 ta' April 1986 ma seta' jhalli ebda dubbju ragjonevoli f'mohh l-appellant illi l-oggetti kienu qed jigu maqbuda u li l-fatt illi l-oggetti kienu gew maqbuda wkoll fil-presenza tal-Pulizija, apparti ufficjali tad-Dwana, u l-fatt li l-istess qbid sar fil-bitha tad-Depot tal-Pulizija, bl-ebda mod ma jista' jkollhom l-effett li dak il-qbid ma kienx qed isir fl-ambitu ta' dak li hemm previst fl-artikolu 72 (1) tal-Kap. 37. Ghalhekk il-konkluzzjoni illi tasal ghaliha din il-Qorti kwantu jirrigwarda dan l-aggravju partikolari hija li fil-fehma taghha mhuwiex fondat.

It-tieni aggravju tal-appellant huwa effettivament pedissekwu ghall-ewwel wiehed u essenzjalment bih huwa jissottometti ma saritx il-prova li l-avviz inghata regolarment. In realta' anke minhabba dak illi jinghad diga' fuq, u anke dak illi hemm konsidrat fis-sentenza appellata li din il-Qorti essenzjalment taqbel mieghu, ma jidhrilhiex li huwa l-kaz illi tghid wisq aktar. Kif sewwa gie rilevat mill-Kontrollur tad-Dwana appellat, l-oneru tal-prova kien fi kwalunkwe kaz jispetta lill-attur fil-Prim'istanza u essenzjalment mill-provi illi saru din il-Qorti mhix sodisfatta illi l-avviz inghata fiz-zmien, cioe' fit-terminu li l-artikolu 72 (2) tal-Kap. 37 jipprefiggi.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu tal-appellanti.

Dep/Reg

mg